Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 19/7/194/16

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 19 tas-Sebgħa Leġislatura tal-Kunsill Lokali Paola**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar **L-Erbgħa 20 ta' Lulju 2016**. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo- *Kunsillier* |
| | |
| | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |
| | |
| **Skużati:** | Nicholas Seychell- *Kunsillier* |
| | Neil J. Tirchett-*L-ambaxxatur taż-żgħażagħ* |
| | |
| **Assenti:** | Tyrone Muscat- *Kunsillier* |

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-Minuti nr.16 ġew approvati *nem com.*
1.2. Il-Minuti nr.17 ġew approvati *nem com.*
1.3. Il-Minuti nr.18 ġew approvati *nem com.*

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

2.1. Ma kien hemm l-ebda punti imqajma mill-minuti.

## 3. Korrispondenza

3.1. Ċirkulari mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-inizjattiva ta' xiri ta' kotba għal-librerija. Il-membri qablu li jallokaw is-somma ta' €600 għal din l-inizjattiva. Għal mistoqsija tal-Viċi Sindku, is-Sindku informa l-mejda li l-kotba jintagħżlu mill-librara u mid-Dipartiment tal-Libreriji Maltin wara li jieħdu konsiderazzjoni tax-xewqat ta' dawk li jattendu il-librerija.

3.2. Ittra mingħand il-Parroċċa Kristu Re sabiex l-għaqdiet lokali, soċjali u ċivili jagħmlu stilla mal-vara ta' Kristu Re li tfisser l-għaqda ta' bejn l-għaqdiet u l-entitajiet tal-lokalita. Il-membri qablu li l-Kunsill Lokali għandu ikollu stilla li tirrapreżenta l-Kunsill għall-prezz ta' €60.

3.3. Ittra mingħand il-GO sabiex issir rampa temporanja quddiem il-ħanut ġdid tagħhom fi Pjazza Antoine De Paule skond il-pjanti annessi. Il-membri approvaw.

3.4. Ittra ta' ringrazzjament mill-Fraternita Franġiskana tax-xogħolijiet li saru fl-akwata tal-Knisja ta' St. Antnin.

3.5. Ittra mingħand is-Sur Joseph Zammit sabiex il-Banda de Paule tingħata titlu ta' banda ċittadina. Il-membri qablu li dan m'għandux jidħol fih il-Kunsill Lokali però ilkoll ħadu l-opportunita sabiex jifirħu liż-żewġ għaqdiet tal-banda tal-lokal għall-ftehim li intlaħaq wara li s-Soċjeta Fil De Paule irreglaw statwa titulari ġdida lil parroċċa Kristu Re u l-Ghaqda Soċjali Muzikali Kristu Sultan ġiet rikonoxxuta mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Fuq proposta tas-Sindku il-membri qablu li dawn iż-żewġ għaqdiet kif ukoll il-Kappillan għandom jingħataw rikonoxximent bħala parti mir-rikonoxximenti ta' Jum Paola 2016. Il-membri approvaw u fuq proposta tal-Kunsillier Spiteri kien hemm qbil li dawn jiġu preżentati dakinhar tal-festa waqt ix-xandira televiżiva tal-festa.

3.6. Żewġ talbiet sabiex jiġu kanċellati kontravenzjonijiet antiki u inkoretti li jmorru lura meta l-Kunsill kien jamministra hu is-sistema flimkien mal-Kumitat Konġunt. Wara li l-membri evalwaw it-talbiet u anke innotaw id-dokumenti preżentati li saru quddiem il-Qorti u anke quddiem Nutar Pubbliku, qablu li jikkanċellaw il-kontravenzjonijiet marbuta mal-lokalita ta' Paola.

## 4. Jum Paola 2016

4.1. Il-Kunsillier responsabbli minn Jum Paola, Bernard Lynch, informa lil membri illi l-attività ta' Jum Paola 2016 ser issir fit-13 ta' Awwissu 2016 u din is-sena ser issir in-naħa ta' Lourdes. Ser issir quddiesa fis-6pm fil-Knisja ta' Lourdes u wara issir ċerimonja ta' Ġieħ Paola fil-pjazza fi Triq id-Dgħajjes. Isegwi riċeviment. Apparti min hekk il-membri qablu li jintalbu in-nominazzjonijiet marbuta mal-unur ta' Ġieħ Paola 2016 mingħand l-għaqdiet u r-residenti tal-lokal. Is-segretarju fakkar li l-baġit għal din l-attività skond kif innotat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali huwa ta' €3,500 però l-ammont li huwa pjanat li jintefaq huwa anqas.

4.2. Il-Kunsillier Lynch qal li fid-dawl tal-fatt li x'aktarx din l-attività tilħaq tgħaddi qabel il-laqgħa li jmiss jista' ikun hemm ħtieġa li niddiskutu in-nominazzjonijiet ta' Ġieħ Paola permezz ta' l-email sabiex jilħqu isiru it-tokens. Il-membri qablu. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li dawn umbagħad jiġu ikkonfermati fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku talab illi min għandu xi persuna f'moħħu li għamlet unur lil lokal iressaq l-ismijiet tagħhom sabiex jingħataw rikonoxximent mill-Kunsill.

## 5. ***Offerti***

5.1. Is-Sindku fakkar lil membri illi kien sar appell għat-tenders tal-Knis u tal-Ġbir ta' Skart mill-kuntrattur Elton John Zammit u għaldaqstant il-Kunsill kellu imexxi bl-irħas kwotazzjonijiet kif kien hemm qbil fl-aħħar laqgħa sabiex jaċċetta li servizz tant essenzjali jingħata. Is-Segretarju Eżekuttiv xtaq jirringrazzja lis-Sindku u l-kunsilliera li taw l-impenn kollu tagħhom sabiex is-servizz baqa' jingħata b'mod sħiħ.

5.2. Il-Kunsillier Bartolo qal li hemm problema ta' skart u anke siringi fl-akwata tal-monti u qal li mar l-għassa u inġabar il-materjal. Il-membri qablu li b'rabta ma' dawn l-appartamenti ser tingħibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet konċernati. Is-Sindku żied li hemm bżonn anke tibda ħidma sabiex jiġi rregolat is-suq speċjalment fid-dawl tal-ammont ta' skart li qed jitħalla fi tmiem il-monti. Is-Sindku fakkar li qed jitħalla skart anke fid-daħla tal-latrina l-antika maġenb is-suq u hu kien ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-latrini sabiex dan il-post ma jitħalliex maħmuġ però sfortunatament dan ix-xogħol mhux isir. Dwar il-latrina is-Sindku kompla billi żied illi komplew jidħlu l-ilmenti dwar il-latrina tal-pjazza anke min-nies impjegati taċ-ċivil li kienu qed jiċċekkjaw il-latrina. Il-membri qablu li dwar dan il-każ hemm bżonn li tingħibed l-attenzjoni tal-kuntrattur permezz ta' ittra.

## 6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

6.1. Is-Sindku xtaq jinforma lil membri li ġie ikkuntattjat minn terzi persuni fejn informawh li xi ħadd prova jidħol fil-bini tal-kunsill b'mod irregolari mit-tieqa tas-sular ta' fuq. Kompla u qal li ftit jiem wara avviċinah il-Kunsillier Tyrone Muscat fejn qallu li huwa kien preżenti fil-Bandli meta kien ser isir il-każ u anke għandu ir-ritratti. Is-Sindku talbu dawn ir-ritratti u l-Kunsillier Muscat irrisponda li huwa kien informa lil pulizija però qalilhom li ma kellhomx għalfejn jipproċedu. Is-Sindku qal li l-Kunsillier Muscat ma kellu l-ebda jedd jiddeċiedi an nom tal-Kunsill u naqas milli ipprovda l-evidenza li qal li għandu. Il-mejda qablet li għanda tingħibed l-attenzjoni tal-Kunsillier dwar il-każ.

6.2. B'referenza għal dan is-suġġett is-Sindku informa lil membri illi sfortunatament il-bandli qed iservi bħala post għall-abbużi u anke qed ikun hawn żgħażagħ li jitkellmu ħażin, ipejpu u anke jivvandalizzaw il-bandli. Is-sindku kompla li ilmenti simili qed jaslu l-Kunsill mid-diversi ġenituri li jkunu il-bandli. Fuq proposta tas-Sindku il-membri qablu li isir żvilupp tas-sistema tas-CCTV biex tkun aktar ta' kwalità filwaqt li nitolbu anke l-attenzjoni tal-pulizija biex isiru iktar rondi. Il-Kunsill qabel ukoll li fuq proposta tal-Kunsillier Spiteri naraw li s-servizz tal-internet offrut mill-Kunsill ikun filtered.

## 7. <u>Approvazzjoni tal-Skeda tal-Pagamenti</u>

7.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 16 għas-somma ta' €62,274.55.

7.2. Il-Kunsillier Lynch xtaq jistaqsi dwar il-pagament marbut mal-Hotel Calypso tal-Mawra ta' Għawdex. Is-Segretarju ikkonferma li dak il-pagament kien tħallas mill-biljetti li kienu inġabru. Infatti bil-bejgħ tal-biljetti tħallsu l-ispejjeż kolla.

## 8. <u>Aġġornament</u>

8.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 17 ta' Awwissu 2016.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku

**Data**: 17 ta' Awwissu 2016